MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2013

Numru. 320/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Sonia Sciberras ta’ 38 sena, bint Anthony Catania u Mary nee` Pullicino, imwielda fil-05.08.1973 fin-Naxxar, residenti gewwa 32, Lucy, Flat 1, Triq il-Kubrit, Gzria u detentrici tal-karta ta’ l-identita` numru 412173M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer fil-12 ta’ Awissu 2011 u matul it-tminn (8) xhur ta’ qabel:

a) Kellha fil-pussess taghha ir-raza mehudha mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala

bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;
Rat il-verbal tal-Ufficjal Prosekutur li l-imputata ghandha ibbenifika tal-proviso ta' Section 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issibha lill-imputat hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata u l-fedina penali nadifa taghha.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a), 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101, Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma tghamilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu liberta kundizzjonata.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta' Dok DT1

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------